MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 321/1999/1

**Adelina Aquilina**

**vs**

**Ismail Issa**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewwget lill-konvenut ta' nazzjonalita' Egizzjana civilment fil-2 ta' April, 1997, Dokument A.

Illi meta l-kontendenti zzewwgu, l-konvenut ma kienx informa lill-attrici li hu kien Musulman.

Illi z-zwieg kien wiehed ghal konvenjenza.

Illi ghalhekk, meta l-konvenut izzewweg lill-attrici, ma kellux l-intenzjoni u l-hsieb mehtiega ghal zwieg li ma jinhallax u li jeskludi zwieg ohra ma' nisa ohra, ghaliex huwa kien u ghadu jemmen u jservi t-twemmin Musulman.

Illi fiz-zwieg imsemmi kien hemm nieqes element essenzjali ghall-validita` tieghu.

Illi l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbb Qorti m'ghandiex tiddikjara:

(i) Li iz-zwieg ikkuntrattat civilment f'Malta bejn il-kontendenti fit-2 t'April, 1997, huwa null u bla effett, peress li kien jonqos element essenzjali ghall-validita` tieghu skond il-ligi kif fuq premess u ghalhekk l-imsemmi zwieg ghandu jitqies xolt u bla ebda effett.

Bl-ispejjez u l-konvenut ngunt minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal tas-16 ta' Settembru 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 10 fejn gie eccepit:

1. Illi l-eccipjent jaqbel illi jezistu ragunijiet fil-ligi li jwasslu biex iz-zwieg tieghu jigi ddikjarat null u bla ebda effett, izda dan ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol 11 tal-process;

Rat il-verbali tal-10 ta' Jannar 2000, tat-12 ta' Mejju 2000, tal-10 ta' Novembru 2000 u tal-4 ta' Dicembru 2000.

Rat in-nota tal-attrici tal-10 ta’ Jannar 2001 fejn gie prezentat l-affidavit taghha stess (fol 16 sa 18).

Rat il-verbal tat-12 ta’ Frar 2001 fejn l-attrici ddikjarat li m’ghandiex provi aktar kif ukoll ghamel id-difensur tal-konvenut, ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difetto ostakolo* ghat-22 ta’ Gunju 2001.

Rat in-nota tal-konvenut tal-11 ta’ Gunju 2001 fejn gie prezentat l-affidavit tieghu stess (fol 20 sa 21).

Rat il-verbal tat-22 ta’ Gunju 2001 fejn id-difensuri tal-partijiet infurmaw lill-Qorti li ma kien hemm ebda ostakolu biex tinghata s-sentenza.

Rat ir-rikors tal-attrici tal-11 ta’ Lulju 2001.

Rat il-verbal tat-13 ta’ Lulju 2001.

Rat ir-rikors tal-attrici tal-31 ta’ Ottubru 2001.

Rat il-verbali tas-26 ta’ Novembru 2001, tat-22 ta’ Jannar 2002, tad-9 t’April 2002, tal-1 t’Ottubru 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta u tal-21 ta’ Novembru 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Mejju 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI PRODOTTI

Illi fl-affidavit taghha l**-attrici Adelina Aquilina** qalet:

*“Jiena u Ismail izzewwigna fit-2 ta' April, 1997. Jiena ltqajt mar-ragel tieghi qisu tlett snin qabel iz-zwieg. Fil-bidu bqajna niffrekwentaw lil xulxin bhala hbieb. Matul*

*dan il-peijodu ta' tlett snin kien hemm zmien meta ma bqajniex in kuntatt.*

*Kien qisu xi sena qabel ma zzewwigna li bdejna nohorgu flimkien.*

*Ir-ragel tieghi huwa Egizzjan u jippratika religjon Musulman.*

*Fl-ahhar sena qabel ma zzewwigna r-ragel tieghi beda jinsiti li ahna nizzewwgu.*

*Jiena nghid li ma xtaqtx nghaggel ghax donnu ma hassejtnix lesta.*

*Pero', ir-ragel beda jinsisti u fl-ahhar cedejt.*

*Nghid li l-preokkupazzjoni tieghi kienet ghax kien Egizzjan u ma jippratikax ir-religjon tieghi.*

*Nispjega illi kemm fl-gherusija, kif ukoll fiz-zwieg, ir-ragel tieghi kien imur l-Egittu ta' spiss. Kwazi erbgha jew hames darbiet fis-sena. Ma kienx ighidli ghalfejn kien imur daqshekk ta' spiss.*

*Ghat-tieg jiena xtaqt li nizzewwgu bic-civil, pero' r-ragel xtaq li nizzewwgu skond ir-relgjon tieghu. Pero' jiena m'accetajtx u zzewwigna bir-registru ta' Malta.*

*Nispjega illi wara t-tieg ahna ma morniex honey moon u lanqas ma kellna d-dar taghna.*

*Hadni noqoghod mieghu f'appartament f'Bugibba flimkien ma' hutu li kienu jghixu hawn Malta.*

*Nghid illi jiena bqajt nahdem ghax ir-ragel ma kienx ighaddili l-flus. Qabel iz-zwieg kien qalli li kellu ammont ta' flus sostanzjali, pero' mbaghad meta zzewwigna qalli li hu kien "broke" u ma kellux flus.*

*Ahna domna nghixu flimkien ghal sena biss. F'dik is-sena r-relazzjoni taghna ma kienitx wahda mit-tajbin fis-*

*sens illi konna nghixu hajja separata u ndipendenti minn xulxin.*

*Ir-ragel tieghi ma kien jaghtini soddisfazzion ta' xejn.*

*Il-hajja baqghet hekk ghal sena. Meta jiena rajt li z-zwieg tieghi kien kollu farsa, fis-sens illi konna nghixu mal-familja tieghu, konna nghixu ghar-rasna, kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejnietna, ndunajt illi r-ragel kien dahaq bija.*

*Indunajt li kien gideb hafna mieghi u kien biss zwieg ta' konvenjenza, ddecidejt li nitilqu. Fil-fatt jiena f'gurnata minnhom ghidtlu li kont iddecidejt li mmur lura nghix mal-genituri tieghi, hu lanqas biss ipprova jwaqqafni. Ilna li tlaqna lil xulxin madwar sentejn u tul dawn is-snin lanqas biss ittenta jaghmel kuntatt mieghi.*

*L-ahhar darba li rajtu kienet sabiex inbdew l-proceduri l-Qorti ghall-annullament.*

*Fiz-zwieg li dam sena lanqas biss ma xtrajna xi ghamara jew xi dar.*

*Ir-ragel baqa' jinsisti illi jiena kelli nahdem.*

*Ahna llum diga sseparajna b'kuntratt.*

*Nghid illi wara li ddecidejt niehu l-passi ghal annullament, ir-ragel qalli li hu xtaq jitlaq ghax kellu mara ohra f'pajjizu."*

Illi fl-affidavit tieghu **il-konvenut Issa Ismail** qal:

*"Jiena nixtieq nghid illi minkejja li jiena qatt ma specifikajt lil mara tieghi, Adelina Aquilina, li jiena kont musulman, izda certament ghamilt affarijiet li setghet tinduna hi liema religjon kont inhaddan. Per ezempju kont nghidilha li jiena kont imurr il-Mosque, kull nhar ta' Gimgha u meta morna l-insinwa biex nirregistraw il-bandi taz-zwieg, jiena hadt il-gurament tieghi fuq il-Koran u mhux fuq is-salib. Jiena kelli*

*mieghi ic-certifikat tat-twelid tieghi, li hemm miktub li jiena musulman. Dawn il-karti zammithom il-mara tieghi.*

*Jiena ma zzewwigtx lill-attrici ghal semplici fatt biex noqghod hawn Malta, ghaliex diga kelli work permit bejn is-snin 1996 sa l-1998, bhala Food Analyst meta kont impjegat mal-Lukanda Serena, Xlendi Bay, Ghawdex. B'hekk kelli permess li nibqa' Malta sa' l-1998 u kont nista' ngedded il-permess hawn fuq imsemmi. Jiena zzewwigt fl--1997. Jiena tant ridt nizzewweg lill-attrici li tlift ix-xoghol tieghi l-Egittu bhala lab analyst u tlaqt ghal kollox mill-Egittu. Billi biddilt ic-cittadinanza jien tlift l-opportunita' li nahdem f'pajjizi."*

## (B) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>

Illi l-attrici qed issostni li z-zwieg taghha huwa null peress:

*"Illi meta l-kontendenti zzewwgu, l-konvenut ma kienx informa lill-attrici li hu kien Musulman.*

*Illi z-zwieg kien wiehed ghal konvenjenza.*

*Illi ghalhekk, meta l-konvenut izzewweg lill-attrici, ma kellux l-intenzjoni u l-hsieb mehtiega ghal zwieg li ma jinhallax u li jeskludi zwieg ohra ma' nisa ohra, ghaliex huwa kien u ghadu jemmen u jservi t-twemmin Musulman.*

*Illi fiz-zwieg imsemmi kien hemm nieqes element essenzjali ghall-validita` tieghu."*

Illi dawn il-premessi li fuqhom hija bbazata l-azzjoni attrici huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-attrici tissottometti fl-ewwel premessa taghha illi z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** li jghid:-

**19 (1).** "*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

Il-Qrati taghna dejjem sostnew illi taht dan is-subartikolu:-

"*Iz-zwieg huwa null jekk wahda mill-partijiet taghti kunsens taghha ghax tkun giet imqarqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi hadd iehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra*" (**"Sh A mart A Fattah xebba Perry vs Dr A Mifsud u PL Mifsud Bonnici"** – P.A. 22 ta' Novembru 1982).

Illi element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga, u huwa immaterjali jekk tali qerq jorrigina min-naha l-ohra jew minn terzi persuni, ghaliex li huwa importanti u determinanti huwa li l-qerq ikun sar sabiex jahbi xi kondizzjoni, fatt jew element serju fuq il-persuna jew il-hajja ta' wiehed mill-konjugi li jkun tali li jista' jaghti lok ghal disgwid serju ghal *consortium vitae* tant necessarju ghall-hajja mizzewga.

Illi fil-fatt ***George V. Lobo*** f' **"The New Marriage Law"** jghid li *"As t. J. Green puts it: "The basic issue is not so much the fraud but rather the presence of a factor significantly disturbing the 'consortuim vitae…..if one judges from a contractualist perspective, fraud is juridically significanty since the law seeks to protect one party from the machinations of the other distorting the agreement. However, from a personalist standpoint, the real issue is the disturbance of the 'consortuim vitae' and the source of the error is juridically irrelevant".*

Illi wkoll l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu 19(1)(c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art.981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (***Viladrich P.J. Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).
Illi l-Qrati taghna, inkluz fis-sentenza "**Carmelo Mifsud vs Anna Mifsud nee' Ignacakova**" (P.A. (RCP) 13 ta' Novembru 2002), dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita tal-parti l-ohra ("**Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et**" (P.A. 22 ta Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

"**Artikolu 19 (1***) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta' l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju **"***supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"*.

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage…….. Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …".*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** fit-trattat **'L'Immaturite' et le Consentement Matrimonial"** (pg. 54-55***)*** jghid is-segwenti*:*-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000);  **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002)  u diversi sentenzi ohrajn u tirreferi u taddota ghalhekk l-istess principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance.  The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give*

*and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Viladrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi l-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li nghad dwar id-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) u cioe`:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-Qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg*

*wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'".*

*"Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossubilita' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza* ***"Micallef vs Micallef"*** *deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995)

il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Oorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p. 912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel*

*ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossolubilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. *Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent*

*and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*,** fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li inghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenzi ricenti ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Lydia Musu' vs Dr. Ian Spiteri Bailey"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) u **"Francis Agius vs Dr. Christopher Cilia *et*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li *"huwa sintomatiku li wiehed jirreferi ghas-sentenzi* ***"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"*** *(P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 2000) u* ***"Carmen El Shimi gja` Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"*** *(P.A. (N.A.) 20 ta' Gunju 2000) u* ***"Marica Bouchhioua vs Farhat Ben Mohammed Bouchhioua"*** *(P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista c-cittadinanza Maltija jew / u d-dritt li joqghod u jirrisjedi*

*hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu".*

Illi fis-sentenza **"Marica Bouchhioua vs Farhat Ben Mohammed Bouchhioua"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) inghad li:-

*"Illi min-naha l-ohra l-konvenut kellu f'mohhu haga wahda biss u cjoe' li juza lill-attrici sabiex jakkwista stat ta' mizzewweg lill-Maltija u b'hekk ikun jista' jkollu d-dritt ta' moviment hawn Malta u jibqa' jghix Malta, … … … … … Kull diskrezzjoni ta' gudizzju fuq kull element taz-zwieg, anke l-iktar wiehed minimu ta' konvivenza almenu apparenti kien ghalhekk ghal kollox nieqes mill-istess konvenut".*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dak li wassal lill-kontendenti biex jiehdu dan il-pass ta' zwieg kien biss sabiex il-konvenut ikun jista' jakkwista d-dritt li jghix u jahdem hawn Malta, u nonostante dak li jghid il-konvenut dwar l-istess ic-cirkostanzi juru mod iehor.

Illi ghar-rigward l-attrici jirrizulta mill-affidavit taghha li ghalkemm hija kellha preokkupazzjoni mill-fatt li hija kellha relazzjoni mal-konvenut peress li kien ta' cittadinanza Egizzjana hija cediet ghall-pressjoni tieghu u anke ghall-promessi fierha tieghu biss u ghall-iskop li huwa jigi akkommodat b'dan il-mod. Din hi haga li sfortunatament ma persuni ta' nazzjonalita` Gharbija irrepetiet ruhha f'diversi cirkostanzi u l-Qorti tirreferi ghal numru sostanzjali ta' sentenzi li nghataw minnha proprju fuq dan il-punt fejn jidher li ormai din hija storja li tirrepeti ruhha b'diversi cirkostanzi. Illi f'dan il-kaz jidher li l-insistenza tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kienet persistenti tant li huwa sinifikanti u elokwenti l-kumment tal-konvenuta li meta ghazlet li taccetta l-proposta tal-konvenut ghaz-zwieg hija qalet *"fl-ahhar cedejt".*

Illi dan juri li l-partijiet ma kellhomx lanqas il-minimu ta' ntenzjoni jew diskrezzjoni sabiex fl-istat li kienu u f'dak iz-zminijiet jifhmu ghal liema hajja u piz huma dehlin, u in verita` din il-Qorti thoss li f'dak l-istadju l-partijiet ftit kien

jimpurtahom hlief li juzaw iz-zwieg bhala mezz biex jilhqu l-ghan ulterjuri taghhom, u fuq dan il-bazi certament li hemm kaz ghal annullament taz-zwieg abbazi ta' l-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi minn barra dan jidher li bil-mod kif mexxew ir-relazzjonijiet taghhhom kemm qabel u kemm wara l-istess celebrazzjoni taz-zwieg, il-partijiet eskludew mill-kunsens taghhom elementi essenzjali ta' zwieg jekk mhux kollha, u dan peress li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet nieqsa minn kull rabta ta' mhabba, emmozzjoni, unjoni u proponiment li huma jghixu hajjithom flimkien u ghal xulxin, u fil-fatt jidher car li fuq kollox il-konvenut mexa ghal rasu, hlief li ghex kemm seta' minn fuq l-attrici, filwaqt li l-attrici jidher li qajla taghat kaz ta' dan kollu, ghalkemm in verita` jidher li b'xi mod ippruvat.

Illi ghalhekk abbazi ta' dak premess jidher ukoll li dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet anke abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255**.

Illi f'dak li jirrigwarda l-premessa l-ohra ta' l-attrici li z-zwieg huwa null abbazi tal-**artikolu 19 (1) (c),** peress li sostniet li ma kienitx taf jew konxja tal-fatt li l-konvenut kien ta' religjoni Musulmana, din l-allegazzjoni attrici assolutament ma tirrizultax, peress li c-cirkostanzi juru u l-provi hekk jikkonfermaw li l-attrici kienet taf b'dan kollu mill-bidu nett tar-relazzjoni taghha mal-konvenut u ghalhekk it-talba ta' annullament fuq din il-bazi ma hijiex qed tigi akkolta.

## <u>**III. KONKLUZJONI.**</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma nkompatibbli mat-talba attrici, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

(i) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat civilment f'Malta bejn il-kontendenti fit-2 t'April, 1997,

huwa null u bla effect, u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**